

# San Ġorġ Martri

Ordni għal-Liturġija tal-Quddiesa,

## fis-Solennità ta' San Ġorġ Martri

### Patrun ta' Għawdex

u

### Protettur tal-Għawdxin

Bażilika Protoparrokkjali San Ġorġ

Il-Belt Victoria - Għawdex

MMXXI



# IR-RITI TAL-BIDU

Meta l-poplu jinġabar, is-saċerdot flimkien mal-ministri jersaq lejn l-altar, waqt li jkun qiegħed isir il-kant tal-introjtu.

## ANTIFONA TAL-INTROJTU

ara Esd 2:35

Jiddi d-dawl ta' dejjem lill-qaddisin tiegħek,
għal dejjem ta' dejjem, Mulej, hallelujah.

Kif jaslu quddiem l-altar, is-saċerdot u l-ministri jsellmu b'inklinazzjoni profonda; imbagħad is-saċerdot jitla' jbus l-altar u, skont iċ-ċirkustanzi, jista' jinċensah. Wara, imur ħdejn is-sedja flimkien mal-ministri.

## RADD TAS-SALIB U TISLIMA TAL-BIDU

Kif jispiċċa l-kant tal-introjtu, is-saċerdot u l-fidili, kulħadd bilwieqfa, iroddu s-salib filwaqt li s-saċerdot, b'wiċċu lejn in-nies, jgħid:

Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.

℟. Ammen.

Imbagħad is-saċerdot, b'idejh miftuħa, isellem lill-poplu.

Il-Mulej magħkom.

℟. U miegħek ukoll.

Jekk ikun Isqof, jgħid:

Il-paċi magħkom.

℟. U miegħek ukoll.

Jew

Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu,
l-imħabba ta' Alla,
u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu
tkun magħkom ilkoll.

℟. U miegħek ukoll.

Jew

Grazzja lilkom u sliem
minn Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu.

℟. U lilek ukoll.

Is-saċerdot, jew id-djaknu jew ministru ieħor, jista' jgħid kelmtejn fil-qosor ħafna lill-fidili biex idaħħalhom fl-ispirtu tal-Quddiesa li qed tiġi ċċelebrata.

## ATT PENITENZJALI

Ħuti,
ħejjew nagħrfu ħtijietna,
biex nitħejjew tajjeb ħalli niċċelebraw il-misteri qaddisa.

Jinżamm ftit tas-skiet, imbagħad kulħadd flimkien jgħid:

Nistqarr ’l Alla li jista’ kollox, u lilkom, ħuti,
li jiena dnibt ħafna
bil-ħsieb, bil-kliem, bl-għemil,
u billi ħallejt dmirijieti:
u, waqt li jħabbtu fuq sidirhom, jgħidu:
ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi.
Imbagħad ikomplu:
Għalhekk nitlob lill-imqaddsa Marija dejjem Verġni,
lill-Anġli u l-Qaddisin kollha, u lilkom, ħuti,
biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.

Iħenn għalina Alla li jista’ kollox,
jaħfrilna dnubietna
u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem.
℟. Ammen.

℣. Mulej, ħniena.
℟. Mulej, ħniena.

℣. Kristu, ħniena.
℟. Kristu, ħniena.

℣. Mulej, ħniena.
℟. Mulej, ħniena.

℣. Kýrie, eléison.
℟. Kýrie, eléison.

℣. Christe, eléison.
℟. Christe, eléison.

℣. Kýrie, eléison.
℟. Kýrie, eléison.

# Glorja

Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet,
u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.
Infaħħruk,
inberkuk,
nadurawk,
nagħtuk ġieħ,
irroddulek ħajr għall-glorja kbira tiegħek.
Mulej Alla, Sultan tas-sema,
Alla Missier li tista' kollox,
Mulej Iben waħdieni, Ġesù Kristu,
Mulej Alla, Ħaruf ta' Alla, Bin il-Missier,
int li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina;
int li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ilqa' t-talb tagħna;
int li qiegħed fuq il-lemin tal-Missier, ħenn għalina.
Għaliex int waħdek Qaddis,
int waħdek Mulej,
int waħdek il-Għoli,
Ġesù Kristu, mal-Ispirtu s-Santu:
fil-glorja tal-Missier Alla.
Ammen.

## KOLLETTA

Wara l-Glorja, is-saċerdot jgħaqqad idejh ma' xulxin u jgħid:

Nitolbu.

Kulħadd, flimkien mas-saċerdot, jagħmel ftit waqtiet ta' talb fis-skiet.
Imbagħad is-saċerdot jiftaħ idejh u jgħid:

Infaħħruk, Mulej,
għall-kobor tas-setgħa tiegħek,
u fiċ-ċokon tagħna nitolbuk
biex aħna, bnedmin dgħajfa,
ikollna dejjem l-għajnuna f'waqtha ta' San Ġorġ,
li fil-martirju tiegħu
sar jixbah lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla,
u miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.



CHERVBIM
SERAPHIM
SYNAGOGA
DOMINATIONES
PRINCIPATVS
THRONI
POTESTATES
VIRTVTES
ARCHANGELI
ANGELI

# IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

## QARI I

Apok 7:9-17

*Il-Ħaruf ikun ir-Ragħaj tagħhom.*

**Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**

Jiena, Ġwanni, ħarist; u ara, kien hemm kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf, lebsin ilbiesi twal bojod u bil-friegħi tal-palm f'idejhom. U għollew leħinhom u bdew jgħidu:

> "Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna li qiegħed fuq it-tron u lill-Ħaruf".

L-Anġli kollha kienu qegħdin madwar it-tron u madwar ix-Xjuħ u l-erba' Ħlejjaq Ħajjin, u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiem it-tron jagħtu qima lil Alla u jgħidu:

> "Ammen. It-tifħir u l-glorja, il-għerf,
> ir-radd ta' ħajr u l-ġieħ,
> il-qawwa u s-saħħa lil Alla tagħna,
> għal dejjem ta' dejjem! Ammen".

Imbagħad wieħed mix-Xjuħ qabad u staqsieni: "Dawn li għandhom ilbiesi twal bojod fuqhom min huma u minn fejn ġejjin?".

"Inti taf, Sinjur", għidtlu jien. Imbagħad qalli: "Dawn huma dawk

li ġejjin mit-taħbit il-kbir u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf.

Għalhekk jinsabu quddiem it-tron ta' Alla,
lejl u nhar jaqduh fit-Tempju tiegħu;
u dak li qiegħed fuq it-tron
jeħodhom jgħammru taħt il-kenn tiegħu.
Ma jbatux aktar ġuħ,
anqas għatx ma jagħmel bihom aktar;
ix-xemx ma taħkimhomx,
u anqas ebda għomma,
ladarba l-Ħaruf,
li hemm f'nofs it-tron,
ikun ir-ragħaj tagħhom;
u hu jwassalhom ħdejn għejun tal-ilmijiet tal-ħajja.
U Alla jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom".

Il-Kelma tal-Mulej.
℟. Irroddu ħajr lil Alla.

## SALM RESPONSORJALI

Salm 117:1-2,4,22-27

℟. Hallelujah, hallelujah, hallelujah.

Faħħru ’l-Mulej, għaliex hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!
Ħa jgħidu wlied Iżrael:
“Għal dejjem it-tjieba tiegħu”.
Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej:
“Għal dejjem it-tjieba tiegħu.”

℟. Hallelujah, hallelujah, hallelujah.

Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka.
Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan:
ħaġa tal-għaġeb f’għajnejna.
Dan hu l-jum li għamel il-Mulej;
ħa nifirħu u nithennew fih!

℟. Hallelujah, hallelujah, hallelujah.

Ejja, nitolbuk, Mulej, salvana!
Ejja, nitolbuk, Mulej, agħtina r-riżq!
Imbierek min ġej f’isem il-Mulej!
Inberkukom minn dar il-Mulej.
Il-Mulej hu Alla;
hu d-dawl tagħna.

℟. Hallelujah, hallelujah, hallelujah.

## Qari II

2 Tim 2:8-10; 3:10-12

*Il-Kelma ta' Alla mhijiex marbuta.*

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

Għażiż, ftakar f'Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet, li hu min-nisel ta' David, skont l-Evanġelju li ħabbart jien. Għalih jien qiegħed inbati sa l-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt. Imma l-kelma ta' Alla mhijiex marbuta. Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li Alla għażel, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' glorja għal dejjem fi Kristu Ġesù.

Imma inti mxejt warajja fit-tagħlim tiegħi, fl-imġiba tiegħi, fil-pjan u t-twemmin tiegħi; fis-sabar, fl-imħabba u fil-perseveranza tiegħi; fil-persekuzzjonijiet u t-tbatijiet li ġew fuqi f'Antijokja, f'Ikonju u f'Listra. X'persekuzzjonijiet għaddejt minnhom! Iżda ħelisni l-Mulej minnhom kollha. U dawk li jridu jgħixu ħajja tajba fi Kristu Ġesù lkoll jgħaddu mill-persekuzzjoni.

Il-Kelma tal-Mulej.
℟. Irroddu ħajr lil Alla.

## AKKLAMAZZJONI QABEL L-EVANĠELJU

Salm 20:4

Hallelujah. ℟. Hallelujah
O Mulej, kuruna ta' deheb fin qegħedtlu fuq rasu.
Hallelujah.

*Sadattant is-saċerdot jixħet l-inċens fiċ-ċensier jekk jintuża.*

*Id-djaknu, li jkun se jaqra l-Evanġelju, jagħmel inklinazzjoni profonda quddiem is-saċerdot biex jitolbu l-barka, waqt li b'leħen baxx jgħid:*

Missier, nitolbok tberikni.

*Is-saċerdot, b'leħen baxx jgħid:*

Il-Mulej ikun f'qalbek u f'fommok
biex ixxandar sewwa u kif jixraq l-Evanġelju tiegħu:
fl-isem tal-Missier u tal-Iben, ✠ u tal-Ispirtu s-Santu.

*Id-djaknu jwieġeb:*

Ammen.

*Jekk ma jkunx hemm id-djaknu, is-saċerdot jagħmel inklinazzjoni profonda quddiem l-altar u, b'leħen baxx, jgħid:*

Naddafli qalbi u fommi, Alla li tista' kollox,
biex inxandar sewwa l-Evanġelju mqaddes tiegħek.

## EVANĠELJU

Ġw 15:1-8

*Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott.*

Id-djaknu, jew is-saċerdot, imur fuq l-ambone, flimkien mal-ministri bl-inċens u x-xemgħat skont iċ-ċirkustanzi, u jgħid:

Il-Mulej magħkom.

℟. U miegħek ukoll.

Fl-istess waqt li jagħmel is-sinjal tas-salib l-ewwel fuq il-ktieb u mbagħad fuq ġbinu, fuq fommu u fuq sidru, jgħid:

✠ **Qari mill-Evanġelju Mqaddes skont San Ġwann.**

℟. Glorja lilek, Mulej.

Id-djaknu, jew is-saċerdot, jinċensa l-ktieb, jekk jintuża l-inċens, u jxandar l- Evanġelju.

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi.
Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha;
u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha,
biex tagħmel frott aktar.
Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom.
Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom.
Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha
jekk ma tibqax fid-dielja,
hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija.
Jiena d-dielja,
intom il-friegħi.
Min jibqa' fija u jiena fih,
dan jagħmel ħafna frott;
għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.
Jekk wieħed ma jibqax fija,

jintrema barra bħal fergħa u jinxef;
imbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom
u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu.
Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom,
itolbu kulma tridu u jingħatalkom.
Din hi l-glorja ta' Missieri:
li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi".

Il-Kelma tal-Mulej.
℟. Irroddu ħajr lil Alla.

Id-djaknu, jew is-saċerdot, ibus il-ktieb u b'leħen baxx, jgħid:
Bit-tagħlim tal-Evanġelju nitnaddfu minn dnubietna.

Wara l-Evanġelju ssir l-omelija.

# Kredu

Jiena nemmen f'Alla wieħed,
il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art,
dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx.

U f'Mulej wieħed Ġesù Kristu, Iben waħdieni ta' Alla,
imnissel mill-Missier qabel kull żmien.
Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru,
imnissel, mhux magħmul, natura waħda mal-Missier:
u bih sar kollox.
Niżel mis-smewwiet
għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.

Fil-kliem li ġej kulħadd jagħmel inklinazzjoni, sa "u sar bniedem".

U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu
minn Marija Verġni, u sar bniedem.
Sallbuh għalina, bata taħt Ponzju Pilatu,
miet u difnuh, u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet,
skont il-Kotba mqaddsa,
u tela' s-sema u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier.
U għandu jerġa' jiġi bil-glorja
biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin,
u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.

U fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja;
li ġej mill-Missier u mill-Iben;
li hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben:
hu li tkellem b'fomm il-profeti.

U fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika, appostolika.
Nistqarr magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet.
U nistenna l-qawma mill-imwiet,
u l-ħajja taż-żmien li ġej.
Ammen.

## TALBIET TAL-FIDILI

Ħuti għeżież, nifirħu llum fil-Mulej, is-Sultan tal-Martri, li offra lilu nnifsu fl-Ikla tal-aħħar u miet fuq is-salib, u nitolbu biex bil-qawwa tiegħu u bl-interċessjoni ta' San Ġorġ, Patrun u Protettur tad-Djoċesi tagħna, noħorġu rebbieħa fuq il-ħażen.

Saħħaħ, Mulej, lilna l-Insara kollha biex bħal San Ġorġ inżommu 'l bogħod mid-dnub u minn dak kollu li jista' jifridna minnek. Nitolbu.

Ħares, Mulej, u imla bl-imħabba lill-Papa N., lill-Isqof tagħna N., lill-presbiteri, lir-reliġjużi u lil-lajċi kollha, sabiex fuq l-eżempju ta' San Ġorġ, difensur tal-Knisja, joħorġu dejjem rebbieħa fit-taqbida kontra s-setgħat tal-ħażen. Nitolbu.

Wieżen, Mulej, bl-għerf tiegħek tas-sema lil dawk li jmexxu 'l pajjiżna sabiex bl-għajnuna ta' San Ġorġ ma jiċħdux il-wirt qaddis ta' valuri Nsara li għandu l-poplu tagħna. Nitolbu.

Agħti, Mulej, lill-Knejjes mifruda l-grazzja tal-għaqda bejniethom, li tagħha tidher xbieha fil-qima li huma lkoll jagħtu lil San Ġorġ. Nitolbu.

Ħenn, Mulej għall-benefatturi ħajjin u mejtin ta' din il-Bażilika Ġorġjana u sawwab fuqhom kull barka u grazzja tas-sema. Nitolbu.

Mulej Alla li tista' kollox, agħtina l-grazzja li kif fl-imgħoddi missirijietna sabu f'San Ġorġ Martri, difensur qalbieni tal-fidi tagħhom, hekk ukoll aħna nibqgħu sħaħ fil-fidi li huma wasslulna. Bi Kristu Sidna.
Ammen.


TU ES SACERDOS IN ÆTERNUM SECUN-
DUM ORDINEM MELCHISEDECH. PS. 109.4.
TOLLAT UNUSQUISQUE AGNUM PER
FAMILIAS ET DOMOS SUAS. EXOD. 12.3.

# IL-LITURĠIJA TAL-EWKARISTIJA

Jibda l-kant tal-offertorju, waqt li l-ministri jqiegħdu l-korporal, il-purifikatur, il-kalċi u l-missal fuq l-altar. Jaqbel jekk il-fidili, bħala sinjal tas-sehem tagħhom, itellgħu l-offerti tal-ħobż u tal-inbid għall-Ewkaristija.

Is-saċerdot, bilwieqfa f'nofs l-altar, jieħu l-patena bil-ħobż, iżommha kemm kemm merfugħa 'l fuq, fuq l-altar, u jgħid minn taħt l-ilsien:

Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
għax fi tjubitek tajtna l-ħobż li qegħdin noffrulek,
frott tal-art u xogħol il-bniedem,
li minnu jsir għalina l-ħobż tal-ħajja.

Iqiegħed il-patena bil-ħobż fuq il-korporal.

Jekk ma jsirx kant għall-offertorju, is-saċerdot jista' jgħid dawn il-kelmiet b'leħen għoli u l-poplu jista' jwieġeb:

Imbierek Alla għal dejjem.

Id-djaknu, jew is-saċerdot, jixħet l-inbid u ftit ilma fil-kalċi, waqt li minn taħt l-ilsien jgħid:

Bil-misteru ta' dan l-ilma u nbid
ikollna sehem fin-natura divina ta' Kristu
kif hu jissieħeb magħna fin-natura tagħna l-bnedmin.

Is-saċerdot jieħu l-kalċi, iżommu kemm kemm merfugħ 'il fuq, fuq l-altar, u jgħid minn taħt l-ilsien:

Imbierek int, Mulej, Alla tal-ħolqien kollu,
għax fi tjubitek tajtna l-inbid li qegħdin noffrulek,
frott tad-dielja u xogħol il-bniedem,
li minnu jsir għalina x-xorb tar-ruħ.

Iqiegħed il-kalċi, fuq il-korporal.

Jekk ma jsirx kant għall-offertorju, is-saċerdot jista' jgħid dawn il-kelmiet b'leħen għoli u l-poplu jista' jwieġeb:

Imbierek Alla għal dejjem.

Is-saċerdot jagħmel inklinazzjoni profonda u minn taħt l-ilsien jgħid:

Ilqagħna, Mulej, Alla tagħna,
umli u niedma quddiemek,
u agħmel li jkun jogħġbok
dan is-sagrifiċċju li sejrin noffrulek.

Skont iċ-ċirkustanzi, jinċensa l-offerti u l-altar. F'dan il-każ, id-djaknu mbagħad, jew ministru ieħor, jinċensa lis-saċerdot u lill-poplu.

Wara dan, is-saċerdot jersaq fil-ġenb tal-altar u jaħsel idejh, waqt li minn taħt l-ilsien jgħid:

Naddafni, Mulej, minn ħżuniti, u d-dnub tiegħi neħħili.

Jieqaf f'nofs l-altar, b'wiċċu lejn il-poplu, u waqt li jiftaħ idejh u jerġa' jgħaqqadhom ma' xulxin, jgħid:

Itolbu, ħuti, biex is-sagrifiċċju tiegħi u tagħkom
ikun jogħġob lil Alla l-Missier li jista' kollox.

Jilqa' l-Mulej minn idejk is-sagrifiċċju
għat-tifħir u l-glorja ta' ismu,
għall-ħtiġijiet tagħna
u tal-Knisja mqaddsa kollha tiegħu.

Is-saċerdot, b'idejh miftuħin, jgħid it-talba fuq l-offerti.

## TALBA FUQ L-OFFERTI

Ilqa', Mulej, dan is-sagrifiċċju ta' tpattija u tifħir
li aħna qegħdin noffru lill-kobor tiegħek
fis-solennità tal-martri San Ġorġ,
biex naqilgħu l-maħfra ta' dnubietna
u nagħrfu dejjem irroddulek ħajr.
Bi Kristu Sidna.
Ammen.



## Prefazju

*Is-saċerdot jiftaħ idejh u jgħid:*

Il-Mulej magħkom.

℟. U miegħek ukoll.

*Is-saċerdot jerfa' jdejh u jgħid:*

Nerfgħu qlubna 'l fuq.

℟. Nerfgħuhom lejn il-Mulej.

*Is-saċerdot, b'idejh miftuħa, ikompli:*

Niżżu ħajr lill-Mulej Alla tagħna.

℟. Hekk sewwa u xieraq.

*Is-saċerdot, b'idejh miftuħa, ikompli l-prefazju;*

Sewwa u xieraq tassew,
Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna
li dejjem u kullimkien irroddulek ħajr.

Għaliex San Ġorġ
ħa l-martirju għall-istqarrija ta' ismek,
biex, bħal Kristu, b'demmu jagħti xhieda
tal-għemejjel tiegħek tal-għaġeb,
meta turi l-qawwa tiegħek fl-aqwa tagħha
sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef,
u ssaħħaħ lil min hu nieqes mill-ħila,
biex ikun jista' jixhed għalik:
bi Kristu Sidna.

Għalhekk, flimkien mal-Qawwiet tas-sema,
qatt ma nieqfu nfaħħruk fuq l-art
u bla heda ntennu lill-kobor tiegħek:

*Kif jispiċċa l-prefazju, is-saċerdot jgħaqqad idejh ma' xulxin u flimkien mal-poplu jkanta jew jgħid b'leħen ċar:*

Qaddis, Qaddis, Qaddis,
Mulej, Alla tal-eżerċti.
Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.
Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet.
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet.

## Kanoni Ruman

*Iċ-ċelebrant ewlieni, b'idejh miftuħa, jgħid:*

Missier ħanin,
miċ-ċokon tagħna nitolbuk,
b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna:
*b'idejh ma' xulxin jgħid:*
ilqa'
*jagħmel is-sinjal tas-salib fuq il-ħobż u l-inbid flimkien u jgħid:*
u bierek ✠ dawn l-offerti safja u qaddisa
li ġibna għas-sagrifiċċju.

*B'idejh miftuħa jkompli:*

Aħna noffruhomlok
l-ewwel nett għall-Knisja tiegħek,
qaddisa u kattolika:
agħtiha s-sliem, ħarisha, għaqqadha
u mexxiha mad-dinja kollha:
flimkien mal-qaddej tiegħek il-Papa N.,

† mal-Isqof tagħna N.,
(mal-Isqof N., li qed jgħinu),
u mal-Isqfijiet kollha
li jħaddnu u jistqarru l-fidi vera u kattolika
li għaddewlna l-Appostli.

Meta jiċċelebra l-Isqof Djoċesan:

† miegħi, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,
(mal-Isqof N., li qed jgħinni),
u mal-Isqfijiet kollha
li jħaddnu u jistqarru l-fidi vera u kattolika
li għaddewlna l-Appostli.

Meta jiċċelebra Isqof 'il barra mid-djoċesi tiegħu:

† ma' ħija N., l-Isqof ta' din il-Knisja,
miegħi, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,
u mal-Isqfijiet kollha
li jħaddnu u jistqarru l-fidi vera u kattolika
li għaddewlna l-Appostli.

## IT-TIFKIRA TAL-ĦAJJIN

L-ewwel konċelebrant jgħid:

Ftakar, Mulej, fil-qaddejja tiegħek N. u N.,
b'idejh ma' xulxin jitlob fis-skiet għal dawk li għalihom irid jitlob u wara, b'idejh miftuħa, ikompli:
u f'dawn kollha li hawn madwarna.
Int taf tajjeb il-fidi u r-rabta tagħhom miegħek.
Għalihom aħna noffrulek,
u huma wkoll joffru, dan is-sagrifiċċju ta' tifħir,
għall-ġid tagħhom u ta' qrabathom:
biex jiksbu l-fidwa ta' ruħhom,
u jaqilgħu s-saħħa u s-salvazzjoni li jittamaw,
huma u jressqu t-talb u x-xewqat tagħhom quddiemek,
Alla ta' dejjem, ħaj u veru.

*It-tieni konċelebrant jgħid:*

Imseħbin mal-Knisja kollha
f'xirka waħda ta' mħabba
nġeddu bil-qima t-tifkira
tal-glorjuża dejjem Verġni Marija,
Omm Alla u Sidna Ġesù Kristu,
tal-Għarus tagħha San Ġużepp,
u tal-Appostli u l-Martri tiegħek:
Pietru, Pawlu, Andrija,

(Ġakbu, Ġwanni, Tumas,
Ġakbu, Filippu, Bartilmew,
Mattew, Xmun u Taddew;
Linu, Kletu, Klement, Sistu, Kornelju, Ċiprijanu,
Lawrenz, Ġorġi, Krisogonu,
Ġwanni u Pawlu, Kosma u Damjan,)

u tal-Qaddisin tiegħek kollha;
għall-merti u t-talb tagħhom,
għinna f'kollox u ħarisna.

(Bi Kristu Sidna.
Ammen.)

*Iċ-ċelebrant ewlieni, b'idejh miftuħa, ikompli jgħid:*

Ilqa', nitolbuk, Mulej,
din l-offerta tagħna u tal-familja kollha tiegħek:
seddaq ħajjitna fis-sliem,
eħlisna mit-telfien ta' dejjem
u għoddna fil-merħla tal-magħżulin tiegħek.

*Jgħaqqad idejh ma' xulxin.*

(Bi Kristu Sidna.
Ammen.)

Iċ-ċelebrant ewlieni, b'idejh it-tnejn miftuħa, flimkien mal-konċelebranti kollha, b'idhom il-leminija miftuħa fuq l-offerti, jgħidu:

Bierek, o Alla, nitolbuk, din l-offerta,
agħmel li tkun kollha kemm hi tiegħek,
wettaqha, qaddisha, ilqagħha,
biex issir għalina l-Ġisem u d-Demm
ta' Ibnek il-għażiż, Sidna Ġesù Kristu.

Iċ-ċelebrant ewlieni jgħaqqad idejh flimkien u jgħid:

Hu, awl il-lejl qabel ma bata,
jieħu l-ostja f'idejh it-tnejn,
iżommha kemm kemm merfugħa fuq l-altar, u jkompli jgħid:
ħa l-ħobż fl-idejn qaddisa u mbierka tiegħu,
jerfa' għajnejh 'il fuq,
refa' għajnejh lejn is-sema,
lejk, Alla Missieru li tista' kollox,
raddlek il-ħajr, bierek, qasam,
ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

jitbaxxa ftit,

**ĦUDU U KULU LKOLL MINN DAN:**
**GĦAX DAN HUWA ĠISMI**
**LI JINGĦATA GĦALIKOM.**

Juri l-ostja kkonsagrata lill-poplu u, wara li jqegħedha mill-ġdid fuq il-patena, jinżel għarkupptejh, għal ftit ħin jaduraha.

Hekk ukoll, wara l-ikla,
Jieħu f'idejh il-kalċi bl-inbid,
iżommu kemm kemm merfugħ fuq l-altar, u jkompli jgħid:
ħa dan il-kalċi għażiż
fl-idejn qaddisa u mbierka tiegħu,
reġa' radd il-ħajr, bierek,
ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

jitbaxxa ftit:

**ĦUDU U IXORBU MINNU LKOLL:**
**GĦAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI,**
**TAL-PATT IL-ĠDID LI JIBQA' GĦAL DEJJEM,**
**ID-DEMM LI JIXXERRED GĦALIKOM**
**U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA**
**GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.**
**AGĦMLU DAN B'TIFKIRA TIEGĦI.**

Juri l-kalċi bl-inbid ikkonsagrat lill-poplu u, wara li jqiegħdu mill-ġdid fuq l-altar, jinżel għarkupptejh, għal ftit ħin jadurah.

Iċ-ċelebrant ewlieni jgħid:

Dan hu l-Misteru tal-Fidi.
Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,
inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,
nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

Il-konċelebranti kollha flimkien,
iċ-ċelebrant ewlieni biss b'idejh miftuħa, jgħidu:

Għalhekk, Mulej, aħna ministri tiegħek,
u l-poplu qaddis tiegħek, aħna u nagħmlu dan
b'tifkira tal-Passjoni mqaddsa
tal-istess Ibnek, Ġesù Kristu Sidna,
tal-qawmien tiegħu mill-imwiet,
u tat-tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema,
noffru lis-sebħ tiegħek bla tarf,
mill-ġid li inti stess tajtna,
Vittma safja, Vittma qaddisa, Vittma bla tebgħa,
il-Ħobż qaddis tal-ħajja ta' dejjem,
u l-Kalċi tas-salvazzjoni bla tmiem.

Ixħet fuqhom ħarsa ta' tjieba u sliem.
Ilqagħhom, bħalma għoġbok tilqa'
l-offerti tal-qaddej ġust tiegħek Abel,
is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham,
u s-sagrifiċċju li offrielek
il-qassis il-kbir tiegħek Melkisedek,
sagrifiċċju qaddis, Vittma bla tebgħa.

Iċ-ċelebrant ewlieni, b'rasu baxxuta u b'idejh ma' xulxin fuq l-altar, ikompli:

Fiċ-ċokon tagħna nitolbuk,
Alla li tista' kollox:
agħmel li l-Anġlu qaddis tiegħek
iwassalhom quddiem l-altar tiegħek fis-sema,
biex aħna lkoll, li nieħdu sehemna mill-altar
u nitqarbnu bil-Ġisem imqaddes ta' Ibnek,
wieqaf, irodd is-salib u jkompli:
nimtlew b'kull barka ✠ u grazzja tas-sema.

Jgħaqqad idejh ma' xulxin.

(Bi Kristu Sidna.
Ammen.)

L-ewwel konċelebrant, b'idejh miftuħa, jgħid:

Ftakar ukoll, Mulej, fil-qaddejja tiegħek N. u N.,
li telqu qabilna
bis-sinjal tal-fidi li ħadu fil-Magħmudija,
u qegħdin jistrieħu fir-raqda tas-sliem.
B'idejh magħquda flimkien, fis-skiet jitlob għall-mejtin li għalihom irid jitlob, u mbagħad, b'idejh miftuħa, ikompli:
Ħenn għalihom, Mulej,
u agħti lilhom,

u lil dawk kollha li jistrieħu fi Kristu,
il-hena, id-dawl u s-sliem.

Jgħaqqad idejh ma' xulxin.

(Bi Kristu Sidna.
Ammen.)

It-tieni konċelebrant b'idu l-leminija jħabbat darba fuq sidru u jgħid:

Lilna wkoll midinbin, qaddejja tiegħek,
b'idejh miftuħa jkompli:

li nittamaw fil-kotra tal-ħniena tiegħek,
agħtina sehem fix-xirka
tal-qaddisin Appostli u Martri tiegħek:
Ġwanni, Stiefnu,
Mattija, Barnaba,

(Injazju, Alessandru,
Marċellinu, Pietru,
Feliċita, Perpetwa,
Agata, Luċija,
Anjeże, Ċeċilja, Anastasja,)

u tal-Qaddisin tiegħek kollha:
daħħalna fil-wirt magħhom mhux għall-merti tagħna,
iżda għall-ħniena u l-maħfra tiegħek.

Jgħaqqad idejh ma' xulxin u jgħid:

(Bi Kristu Sidna.
Ammen.)

Iċ-ċelebrant ewlieni waħdu:

Bih, Mulej,
int dejjem taħlaq u tqaddes dan il-ġid kollu,
timlieh bil-ħajja,
tbierku u tqassmu lilna.

Jieħu l-patena u l-kalċi f'idejh u jgħollihom, waqt li jgħid:

Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

# Talba Ewkaristika II

Iċ-ċelebrant ewlieni jiftaħ idejh u jgħid:

Qaddis tassew int, Mulej:
inti l-għajn ta' kull qdusija.

b'idejh it-tnejn mifruxa fuq l-offerti, flimkien mal-konċelebranti l-oħra,
b'idhom il-leminija miftuħa fuq l-offerti, ikompli u jgħid:

Qaddes, għalhekk, nitolbuk,
dawn l-offerti bil-barka tal-Ispirtu tiegħek,
biex isiru għalina

jagħmel is-sinjal tas-salib fuq il-ħobż u l-inbid flimkien

l-Ġisem ✠ u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu.

Jgħaqqad idejh u jkompli:

Li, meta kien se jingħata biex minn rajh ibati,

jieħu l-ostja f'idejh it-tnejn,

iżommha kemm kemm merfugħa fuq l-altar, u jkompli jgħid:

ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasam,
ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

jitbaxxa ftit

**ĦUDU U KULU LKOLL MINN DAN:**
**GĦAX DAN HUWA ĠISMI**
**LI JINGĦATA GĦALIKOM.**

Juri l-ostja kkonsagrata lill-poplu u, wara li jqegħedha mill-ġdid fuq l-altar, jinżel għarkupptejh, għal ftit ħin jaduraha.

Hekk ukoll, wara l-ikla,

jieħu l-kalċi f'idejh,

iżommu kemm kemm merfugħ fuq l-altar, u jkompli jgħid:

ħa l-kalċi, reġa' radd il-ħajr,
ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

Jitbaxxa ftit

**ĦUDU U IXORBU MINNU LKOLL:**
**GĦAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI,**
**TAL-PATT IL-ĠDID**
**LI JIBQA' GĦAL DEJJEM,**
**ID-DEMM LI JIXXERRED GĦALIKOM**
**U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA**
**GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.**
**AGĦMLU DAN B'TIFKIRA TIEGĦI.**

Juri l-kalċi bl-inbid ikkonsagrat lill-poplu u, wara li jqiegħdu mill-ġdid fuq l-altar, jinżel għarkupptejh, għal ftit ħin jadurah.

Iċ-ċelebrant ewlieni jgħid:

Dan hu l-Misteru tal-Fidi.
Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,
inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,
nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

Iċ-ċelebrant ewlieni, b'idejh it-tnejn miftuħa, flimkien mal-konċelebranti l-oħra:

Għalhekk, aħna u nagħmlu dan
b'tifkira tal-mewt u l-qawmien
ta' Sidna Ġesù Kristu,
noffrulek, Mulej,
il-Ħobż tal-ħajja u l-Kalċi tas-salvazzjoni,
u rroddulek ħajr
għax għoġbok tilqagħna hawn quddiemek biex naqduk.
U miċ-ċokon tagħna nitolbu
li l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'ġisem wieħed,
lilna li nieħdu sehem
mill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

L-ewwel konċelebrant:

Ftakar, Mulej,
fil-Knisja tiegħek imxerrda mad-dinja kollha,
wettaqha fl-imħabba, flimkien mal-Papa N.,

† mal-Isqof tagħna N.,
(mal-Isqof N. li qed jgħinu)
u mal-ministri tiegħek kollha.

Meta jiċċelebra l-Isqof Djoċesan:

† miegħi, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,
(mal-Isqof N., li qed jgħinni),
u mal-ministri tiegħek kollha.

Meta jiċċelebra Isqof ’il barra mid-djoċesi tiegħu:

† ma’ ħija N., l-Isqof ta’ din il-Knisja,
miegħi, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,
u mal-ministri tiegħek kollha.

It-tieni konċelebrant:

Ftakar ukoll f’ħutna
li raqdu bit-tama tal-qawmien:
ftakar fil-mejtin kollha;
daħħalhom quddiemek fid-dawl tas-sebħ tiegħek.
Ħenn għalina lkoll, nitolbuk:
agħti lilna wkoll il-wirt tal-ħajja ta’ dejjem,
flimkien mal-Verġni mqaddsa, Omm Alla, Marija,
mal-Għarus tagħha San Ġużepp,
mal-Appostli, ma’ San Ġorġ, u l-Qaddisin kollha

li għexu fil-ħbiberija tiegħek sa mill-bidu tad-dinja:
agħmel li magħhom
infaħħruk u nsebbħuk b'Ġesù Kristu Ibnek.

Jieħu l-patena u l-kalċi f'idejh u jgħollihom, waqt li jgħid:

Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

# Talba Ewkaristika III

Iċ-ċelebrant ewlieni jiftaħ idejh u jgħid:

Qaddis tassew int, Mulej,
u jistħoqqlok it-tifħir tal-ħolqien kollu,
għax b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna
u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu
inti tagħti l-ħajja, kollox tqaddes,
u tibqa' dejjem tiġbor għalik poplu biex,
minn tlugħ ix-xemx sa nżulha,
issirlek offerta safja.

B'idejh it-tnejn mifruxa fuq l-offerti, flimkien mal-konċelebranti l-oħra,
b'idhom il-leminija miftuħa fuq l-offerti, jgħid:

Għalhekk, Mulej,
ġejna quddiemek b'dawn l-offerti,
biex ikunu kkonsagrati lilek;
miċ-ċokon tagħna nitolbuk:
qaddishom bl-Ispirtu tiegħek,
jgħaqqad idejh, jagħmel is-sinjal tas-salib fuq il-ħobż u l-inbid flimkien u jgħid:
biex isiru l-Ġisem ✠ u d-Demm
ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
jgħaqqad idejh
li bi kmandament tiegħu
qegħdin niċċelebraw dan il-misteru.

Għax hu, fil-lejl li fih ingħata għalina,
jieħu l-ostja f'idejh it-tnejn,
iżommha kemm kemm merfugħa fuq l-altar u jkompli jgħid:
ħa l-ħobż, raddlek il-ħajr, bierek, qasam,
ta lid-dixxipli tiegħu u qal:

jitbaxxa ftit

**ĦUDU U KULU LKOLL MINN DAN:**
**GĦAX DAN HUWA ĠISMI**
**LI JINGĦATA GĦALIKOM.**

Juri l-ostja kkonsagrata lill-poplu u, wara li jqiegħedha mill-ġdid fuq l-altar, jinżel għarkupptejh, għal ftit ħin jaduraha.

Hekk ukoll, wara l-ikla,
jieħu l-kalċi f'idejh,
iżommu kemm kemm merfugħ fuq l-altar u jkompli jgħid:
ħa l-kalċi,
raddlek il-ħajr, bierek,
ta lid-dixipli tiegħu u qal:

jitbaxxa ftit

**ĦUDU U IXORBU MINNU LKOLL:**
**GĦAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI**
**TAL-PATT IL-ĠDID LI JIBQA' GĦAL DEJJEM,**
**ID-DEMM LI JIXXERRED GĦALIKOM**
**U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA**
**GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.**
**AGĦMLU DAN B'TIFKIRA TIEGĦI.**

Juri l-kalċi bl-inbid ikkonsagrat lill-poplu u, wara li jqiegħdu mill-ġdid fuq l-altar, jinżel għarkupptejh, għal ftit ħin jadurah.

Iċ-ċelebrant ewlieni:

Dan hu l-Misteru tal-Fidi.
Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej,
inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek,
nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

Iċ-ċelebrant ewlieni, b'idejh it-tnejn miftuħa, flimkien mal-konċelebranti l-oħra:

Għalhekk, Mulej, aħna u nagħmlu dan
b'tifkira tal-Passjoni li biha Ibnek fdiena

u tal-qawmien u t-tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema,
aħna li qegħdin nistennew u nittamaw
it-tieni miġja tiegħu, b'radd il-ħajr noffrulek
dan is-sagrifiċċju ħaj u qaddis.

Ħares, nitolbuk, lejn l-offerta tal-Knisja tiegħek,
agħraf fiha l-Vittma li bis-sagrifiċċju tagħha
ridt terġa' tħabbibna miegħek;
agħmel li aħna,
li se nissaħħu bil-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek,
nimtlew bl-Ispirtu qaddis tiegħu,
u nkunu ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu.

L-ewwel konċelebrant:

Nitolbuk li hu jagħmel minna offerta
li tibqa' għal dejjem quddiemek,
biex inkunu nistgħu niksbu l-wirt
mal-magħżulin tiegħek:
mal-Verġni Mqaddsa, Omm Alla, Marija,
mal-Appostli, ma' San Ġorġ, u l-Martri glorjużi tiegħek,
u mal-Qaddisin kollha, li, kif nittamaw,
jidħlu dejjem għalina quddiemek.

It-tieni konċelebrant:

Agħmel, nitolbuk, Mulej,
li din il-Vittma li terġa' tħabbibna miegħek
tkun ta' sliem u salvazzjoni għad-dinja kollha.
Wettaq fil-fidi u fl-imħabba l-Knisja tiegħek
tul il-mixja tagħha fid-dinja:
il-qaddej tiegħek il-Papa N.,

† l-Isqof tagħna N.,
(l-Isqof N. li qiegħed jgħinu),
l-Isqfijiet u l-ministri kollha tiegħek,
u l-poplu kollu li inti ksibt għalik.

Meta jiċċelebra l-Isqof Djoċesan:
† lili, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,
(mal-Isqof N., li qed jgħinni),
l-Isqfijiet u l-ministri kollha tiegħek,
u l-poplu kollu li inti ksibt għalik.

Meta jiċċelebra Isqof ’il barra mid-djoċesi tiegħu:
† ma’ ħija N., l-Isqof ta’ din il-Knisja,
lili, qaddej tiegħek mingħajr ma jistħoqqli,
l-Isqfijiet u l-ministri kollha tiegħek,
u l-poplu kollu li inti ksibt għalik.

Ilqa’ bit-tjieba t-talb u x-xewqat ta’ din il-familja
li int ridtha tinġabar madwarek.
Agħder, Missier ħanin,
lil uliedek kollha kull fejn jinsabu
u għaqqadhom miegħek ikoll.

Ħenn għal ħutna mejtin u għal dawk kollha
li ħallew din il-ħajja fis-sewwa tiegħek:
daħħalhom fis-saltna tiegħek,
fejn nittamaw li aħna wkoll għad naslu,
biex, ilkoll flimkien,
nitgħaxxqu għal dejjem bis-sebħ tiegħek
bi Kristu Sidna,
li bih inti tfawwar id-dinja b’kull ġid.

Iċ-ċelebrant ewlieni waħdu jieħu l-patena u l-kalċi f’idejh u jgħollihom:
Bi Kristu, ma’ Kristu u fi Kristu,
jingħata lilek, Alla Missier li tista’ kollox,
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
kull ġieħ u glorja
għal dejjem ta’ dejjem.
Ammen.

# Ir-Rit tat-Tqarbin

Is-saċerdot, b'idejh magħquda, jgħid:

Ejjew nitolbu
kif għallimna u riedna nagħmlu
l-Iben ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna:

Jiftaħ idejh u, flimkien mal-poplu, ikompli:

Missierna li inti fis-Smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,
aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina,
la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.

Is-saċerdot, b'idejh miftuħa, ikompli jgħid:

Eħlisna, nitolbuk, Mulej, minn kull deni;
agħtina, fit-tjieba u l-ħniena tiegħek,
il-paċi fi żmienna,
biex inkunu ħielsa dejjem mid-dnub
u mħarsa minn kull inkwiet,
aħna u nistennew u nittamaw
il-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.

Jgħaqqad idejh, filwaqt li l-poplu jtemm it-talba billi jgħid:

Għax tiegħek hi s-saltna,
il-qawwa u l-glorja għal dejjem.

## L-GĦOTI TAL-PAĊI

Is-saċerdot, b'idejh miftuħa, iħares lejn l-ispeċi kkonsagrati u jgħid:

Mulej Ġesù Kristu,
li għidt lill-Appostli tiegħek:
"Inħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi",
la tħarisx lejn dnubietna,
iżda ħares lejn il-fidi tal-Knisja tiegħek;
agħtiha s-sliem u l-għaqda li int trid fiha.

Jgħaqqad idejh:

Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

℟. Ammen.

Iċ-ċelebrant ewlieni, b'wiċċu lejn il-poplu, jiftaħ idejh u jerġa' jgħaqqadhom, waqt li jgħid:

Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom.

℟. U miegħek ukoll.

Is-saċerdot jew, jekk ikun qed jassisti, id-djaknu, jgħid:

Agħtu l-paċi lil xulxin.

U kulħadd, skont id-drawwiet tal-post, wieħed lill-ieħor jagħti l-paċi. Iċ-ċelebrant ewlieni jagħti l-paċi lid-djaknu jew ministru.

Is-saċerdot jieħu l-ostja kkonsagrata f'idejh, jaqsamha, jitfa' biċċa minnha fil-kalċi bl-inbid ikkonsagrat, u jgħid minn taħt l-ilsien:

Il-Ġisem flimkien mad-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu
jkunu jiswew lilna, li se nitqarbnu bihom, għall-ħajja ta' dejjem.

Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
ħenn għalina.
Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
ħenn għalina.
Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
agħtina l-paċi

Iċ-ċelebrant minn taħt l-ilsien:

Mulej Ġesù Kristu, Bin Alla l-ħaj,
bil-mewt tiegħek, kif ried minnek il-Missier,
u bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu,
inti tajt il-ħajja lid-dinja:
b'dan il-Ġisem u d-Demm qaddis tiegħek
eħlisni minn ħtijieti kollha u minn kull ħażen,
żommni dejjem fidil lejn il-kmandamenti tiegħek
u tħallini qatt ninfired minnek.

Jew

Mulej Ġesù Kristu, nitolbok
li din it-tqarbina bil-Ġisem u d-Demm tiegħek
ma tkunx il-kundanna tiegħi,
iżda, għall-ħniena tiegħek,
tkun għalija l-ħarsien u l-fejqan ta' ruħi u ġismi.

Is-saċerdot jagħmel ġenuflessjoni, jieħu f'idu l-ostja, iżommha kemm kemm merfugħa 'l fuq, u, b'wiċċu lejn il-poplu u b'leħen ċar, jgħid:

Dan hu l-Ħaruf ta' Alla,
dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja.
Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf.
Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi,
iżda għid kelma waħda u ruħi tkun imfejqa.

Is-saċerdot, b'wiċċu lejn l-altar, jgħid minn taħt l-ilsien:

Il-Ġisem ta' Kristu jħarisni għall-ħajja ta' dejjem.

U bil-qima kollha jitqarben bil-Ġisem ta' Kristu.

Imbagħad jieħu l-kalċi f'idejh u jgħid minn taħt l-ilsien:

Id-Demm ta' Kristu jħarisni għall-ħajja ta' dejjem.

U bil-qima kollha jitqarben bid-Demm ta' Kristu.

Isir bil-qima t-tqarbin tal-konċelebranti, il-ministri u l-ġemgħa.

## ANTIFONA TAT-TQARBIN

Ġw 12, 24

Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut,
hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut,
tagħmel ħafna frott, hallelujah.

Wara t-tqarbin, saċerdot jew djaknu jew akkoltu jippurifika l-patena fuq il-kalċi, kif ukoll l-istess kalċi.

Waqt il-purifikazzjoni, jgħid minn taħt l-ilsien:

Agħmel, Mulej, li nilqgħu b'qalb safja
l-ikel u x-xorb li ħadna,
biex dan id-don li tajtna issa
jkun jiswielna għall-ħajja ta' dejjem.



## Talba wara t-Tqarbin

*Imbagħad is-saċerdot, wieqaf quddiem is-sedja jew f'nofs l-altar, jgħid:*

Nitolbu.

*Kulħadd, flimkien mas-saċerdot, jagħmel ftit waqtiet ta' talb fis-skiet. Imbagħad is-saċerdot jiftaħ idejh u jgħid:*

Tqarbinna, Mulej, bid-don tiegħek tas-sema,
kollna ferħana fis-solennità ta' San Ġorġ,
u, bl-ikla mqaddsa li għamilna,
xandarna l-mewt ta' Ibnek;
agħmel li nissieħbu miegħu fil-qawmien u l-glorja,
mal-qaddisin martri tiegħek.
Bi Kristu Sidna.
Ammen.

## Barka tal-Aħħar

*Jekk ikun saċerdot:*

*Is-saċerdot, b'wiċċu lejn il-poplu, jiftaħ idejh u jgħid:*

℣. Mulej magħkom.
℟. U miegħek ukoll.

*Is-saċerdot ibierek lill-poplu u jgħid:*

℣. Iberikkom Alla li jista' kollox,
il-Missier, u l-Iben, u ✠ l-Ispirtu s-Santu.
℟. Ammen.

*Imbagħad id-djaknu jew is-saċerdot, b'idejh magħquda ma' xulxin u b'wiċċu lejn il-poplu, jgħid:*

Morru fil-paċi ta' Kristu.
℟. Irroddu ħajr lil Alla.

Jekk ikun Isqof:

Id-djaknu jgħid:

Nitolbu l-barka ta' Alla.

L-Isqof, b'wiċċu lejn il-poplu, liebes il-mitra jiftaħ idejh u jgħid:

℣. Il-Mulej magħkom.

℟. U miegħek ukoll.

℣. Ikun imbierek isem il-Mulej.

℟. Minn issa u għal dejjem.

℣. L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej.

℟. Li għamel is-sema u l-art.

Filwaqt li jieħu f'idejh l-baklu, l-Isqof ibierek lill-poplu u jgħid:

℣. Iberikkom Alla li jista' kollox,
✠ il-Missier, ✠ u l-Iben, u ✠ l-Ispirtu s-Santu.

℟. Ammen.

Imbagħad id-djaknu, b'idejh magħquda ma' xulxin u b'wiċċu lejn il-poplu, jgħid:

Morru fil-paċi ta' Kristu.

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

Is-saċerdot ibus l-altar, bħal fil-bidu tal-Quddiesa, flimkien mal-ministri jagħmel inklinazzjoni profonda lill-altar, u jidħol ġewwa.